DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 20 ta' Ottubru 2014

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 185/2014

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Aktar Kanzunetti Animati bil-Malti għat-Tfal iż-Żgħar

---

Nitlobkom tgħarrfu lill-għalliema tal-ewwel snin u lill-Kindergarten Assistants b'sitt kanzunetti ġodda bil-Malti maħsubin għat-tfal iż-żgħar. Il-verżjoni animata ta' dawn il-kanzunetti ssibuha fl-istazzjon tad-Dipartiment tal-Malti tal-YouTube "ilsien pajjiżi" – www.youtube.com/user/edukazzjonimt.

Il-kanzunetti huma:

- **Lela l-kelba**, kliem ta' Renè Cilia u mużika ta' Augusto Cardinali
- **Bżar u melħ**, kliem ta' Renè Cilia u mużika ta' Philip Vella
- **Il-Bebbux**, kliem ta' Carmel G. Cauchi u mużika ta' Philip Vella
- **Iċ-Ċentupied**, kliem ta' Carmel G. Cauchi u mużika ta' Dominic Galea
- **Għanja**, kliem ta' Guido Lanfranco u mużika ta' Dominic Galea
- **Jien għandi qattus ħelu**, kliem ta' Marija Tereża Pulè u mużika ta' Augusto Cardinali

Fil-filmat ta' kull kanzunetta tidher żigarella bil-kliem kantat. Il-ħsieb hu li t-tfal, sa minn età żgħira, ikunu esposti għall-Malti miktub f'kuntesti divertenti.

Barra dawn il-kanzunetti nfakkarkom biex fil-klassijiet taż-żgħar tkomplu ssemmgħu u turu l-kanzunetta "L-ABĊ" ta' Pauline Spiteri u Sr Giovannita Briffa, il-filmati mmużikati tal-ittri kollha tal-alfabett tal-għalliema Graziella Micallef, u l-kanzunetta tal-Ferħ u Awguri u Qalbhom Tajba, għal meta t-tfal jagħlqu sninhom. Riżorsi oħra tajbin għat-tagħlim tal-Malti fis-snin bikrin issibuhom fis-sit uffiċjali tad-Dipartiment tal-Malti – malti.skola.edu.mt.

Dan huwa frott proġett ieħor b'risq it-tisħiħ tat-tagħlim tal-Malti u l-litteriżmu bejn id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu tad-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Il-kumitat responsabbli minn dan il-proġett kien magħmul minn David Agius-Muscat, Dr Mariella Cassar-Cordina, il-Prof Manwel Mifsud, Thomas Pace, Trevor Żahra u Maryanne Zammit. Dan il-proġett niddedikawh lill-mibki Dun Renè Cilia, l-awtur ta' żewġ kanzunetti li qed jidhru hawn.

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**